MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tad-29 ta' Frar, 2008

Citazzjoni Numru. 402/2004

**Roger Degiorgio**

***Versus***

**Il-Kummissarju tal-Pulizija; id-Direttur tad-Dipartiment ta' l-Ambjent flimkien mac-*chairman* tal-*Malta Environment and Planning Authority*; ir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali; u b'dikriet tat-23 ta' Novembru 2006 issejħu fil-kawża d-Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet, il-Ministru tar-Riżorsi u Infrastruttura; u l-Ministru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent**

Din is-sentenza hija dwar eċċezzjoni ta' preskrizzjoni imressqa mill-imsejħa fil-kawża.
L-attur qiegħed ifittex għad-danni li ġarrab meta ħwejjeġ proprjetà tiegħu nqabdu mill-pulizija u nqerdu waqt li kienu miżmuma taħt l-awtorità tal-qorti.

Il-kawża kienet infetħet kontra kapijiet ta' dipartimenti tal-gvern, fost konvenuti oħra. B'dikriet tat-23 ta' Novembru 2006, wara talba ta' l-attur magħmula b'rikors tal-10 ta' Novembru 2006, issejħu fil-kawża kap ieħor ta' dipartiment tal-gvern u żewġ ministri tal-kabinett.

L-imsejħa fil-kawża ressqu eċċezzjoni ta' preskrizzjoni ta' sentejn taħt l-art. 2153 tal-Kodiċi Ċivili, u tressqet ukoll eċċezzjoni ta' preskrizzjoni taħt l-art. 2154(1) tal-Kodiċi Ċivili moqri flimkien ma' l-artt. 328(*d*) u 688(*e*) tal-Kodiċi Kriminali, li hija wkoll preskrizzjoni ta' sentejn.

Il-qorti tibda biex tgħid illi l-preskrizzjoni taħt l-art. 2154(1) tal-Kodiċi Ċivili – il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat ikkaġunati b'reat – ma tgħoddx għall-każ. Tassew illi, kif igħid l-attur fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu[1], il-ħsara seħħet waqt li kienu għaddejjin proċeduri kriminali, iżda dan ma jfissirx illi l-ħsara kienet "ikkaġunata b'reat". Il-proċeduri kriminali kienu għaddejjin kontra l-attur, u mhux kontra l-imsejħa fil-kawża talli għamlu reat li ikkaġuna l-ħsara.

L-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni taħt l-art. 2154(1) hija għalhekk miċħuda billi tgħodd għall-każ mhux il-preskrizzjoni taħt dak l-artikolu iżda dik taħt l-art. 2153 – il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat.

Inqisu mela l-preskrizzjoni taħt l-art. 2153, li wkoll hija preskrizzjoni ta' sentejn.

Il-qorti rat l-art. 181B(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jgħid illi "l-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni". Għalhekk, il-gvern ġà kien konvenut fil-kawża meta kien imħarrek f'ismu l-kap ta' wieħed jew aktar mid-dipartimenti tiegħu. Meta ssejħu fil-kawża kapijiet ta' dipartimenti oħra dawn issejħu f'isem l-istess gvern ta' Malta: fi kliem ieħor, il-persuna mħarrka baqgħet l-istess – il-Gvern ta' Malta – għalkemm bdew jidhru għalih kapijiet ta' dipartimenti oħrajn tiegħu billi l-meritu tal-kawża laqat il-kompetenza ta' dawk id-dipartimenti wkoll.

Il-konsegwenza ta' dan kollu hi illi jekk inkisret il-preskrizzjoni kontra l-gvern, tibqa' miksura wkoll jekk

[1] *Fol*. 284.

jissejħu fil-kawża kapijiet ta' dipartimenti oħra ta' l-istess gvern.

Fil-każ tallum il-ħsara seħħet wara t-18 t'Awissu 1997, u nkisret b'ittri uffiċjali tat-18 ta' Novembru 1997, tal-15 ta'Ġunju 1999, tat-8 ta' Ġunju 2001 u tat-8 ta' Mejju 2003, sakemm imbagħad infetħet il-kawża fl-1 ta' Ġunju 2004. F'ebda każ ma għaddew aktar minn sentejn wara li l-preskrizzjoni nkisret b'att ġudizzjarju.

Għalhekk, l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni taħt l-art. 2153 tal-Kodiċi Ċivili wkoll hija miċħuda.

L-ispejjeż ta' dan l-episodju għandhom iħallsuh l-eċċipjenti.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------